TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 178/16/F

**Raphael Falzon**

**vs**

**Matt Auto Mechanic**

Illum, 13 ta' Frar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija u tmienja u sittin Ewro, u sitta u sebgħin ċenteżmi (€568.76), rappreżentanti ħsara li kellu fil-vettura wara li kien ħadha għat-tiswija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti ta' l-istess soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi l-vettura tiegħu kienet ġarrbet xi ħsarat wara li kien ħadha għat-tiswija għand l-intimat.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi r-rikorrenti talab korrezzjoni fl-ammont mitlub, fis-sens li minflok l-ammont ta' ħames mija u tmienja u sittin Ewro, u sitta u sebgħin ċenteżmi (€568.76), qed jitlob l-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), bħala danni u spejjeż.

It-Tribunal, jieħu konjizzjoni tax-xhieda ta' Matthew Calleja li kien il-persuna li sewwa l-karozza fejn qal illi saret tiswija parzjali, u t-tiswija li għamel kienet għalxejn għax tant kien hemm ħsara li ma setax jirranġha.

Xehed ukoll Mario Calleja li huwa missier Matthew Calleja, fejn qal illi l-karozza diġa' kienet mittiefsa u li kien hemm diversi boldijiet neqsin li ma setgħux jissewwew. Illi l-karozza kellha madwar ħmistax 'il sena u ma setgħetx tissewwa.

It-Tribunal, jinnota li matul is-seduti r-rikorrenti ma tantx kien preżenti, u li kien qed jirrifjuta li jħallas ukoll l-espert tekniku li t-Tribunal ħass li kellu bżonn minħabba n-natura teknika tal-każ.

Tenut kont tax-xhieda ta' l-intimat, kif ukoll tenut kont tal-fatt illi m'għandux rapport tekniku fuqhiex jimxi, illi kienet l-għażla tar-rikorrenti li ma jħallasx, għaldaqstant it-Tribunal qed jasal għal konklużjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**